MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 203/2010

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Doris Micallef (ID 499274M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Frar 2010, fejn is-socjeta' attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u tmienja u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€188.20) in konessjoni mas-servizzi rezi mis-socjeta attrici ghall-perjodu bejn 2007 u 2009, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-31 ta' Ottubru 2009 u mandat ta' sekwestru u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tmienja u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€188.20), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

Avukat Katja Psaila Savona
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------